MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2015

Numru. 1247/2007

**Il-Pulizija**

**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**Pierre Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Pierre Falzon detentur tal-karta tal-identita` numru 535060(M).

Akkuzat talli f'Lulju 2002, u fix-xhur ta' qabel, fl-Imsida u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor (dan bi ksur tal-Artikolu 121A(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att/i, kitba jew skrittura/i foloz (dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
3. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta (dan bi ksur tal-Artikolu 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz (dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);
5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sew xjentement jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partkolarita` sostanzjali f'xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir bl-Att jew taht l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta (dan bi ksur tal-Artikolu 76 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll li l-imputat jkun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (*nautical license*) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-Pierre Falzon ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija netta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'serje ta' proceduri li gew istitwiti mill-Pulizija stante li kien hemm allegazzjonijiet illi xi licenzji marittimi gew misjuba b'xi illegalitajiet fihom.

Illi t-tezi tal-prosekuzzjoni hija fis-sens illi gialadarba l-imputat ma ghamilx il-kors relattiv; xi haga li hi necessarja ghall hrug ta' tali licenzja; dan kollu jiggustifika l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat.

Il-Qorti semghet ix-xhieda ta' **Martin Bezzina Wettinger** u ta' **Doreen Bartolo** bhala rapprezentanti tal-MCAST li kkonfermaw illi kkonfermaw illi minn naha taghhom ma sabu l-ebda "records" li l-imputat kien ghamel il-kors sabiex jottjeni licenzja marittima.

Ikkunsidrat illi l-imputat huwa akkuzat taht l-Artikoli 121A(1) tal-Kap 9 li tittratti dwar weghdi ta' flus jew vantaggi lill-terzi persuni ohra sabiex l-imputat jakkwista xi vantaggi li m'humiex xierqa; taht l-Artikolu 184 li jittratta dwar li xjentement ghamel uzu ta' dokument li kien jaf li kien falz, taht l-Artikolu 186 li

jittratta dwar li xjentement ghamel uzu minn dokument imsemmi fl-Artikolu 185 tal-Kap 9, taht l-Artikolu 188 li ghamel dikjarazzjoni falza, u taht l-Artikolu 76 tal-Kap 352 li ukoll ghamel dikjarazzjoni falza.

Illi huwa fatt illi kulhadd ghandu jaf il-ligi x'inhi u kulhadd ghandu jaf jew imissu jkun jaf ghalxiex qed jaghti il-firma tieghu fuq dokumenti ufficjali. Illi t-tezi tal-imputat minn dejjem kienet illi xi ufficjali tal-Awtorita' Marittima kienu assigurawlu illi peress illi kellu d-dghajsa tieghu ghal certu numru ta' snin, mela dan ma kellux ghalfejn jaghmel il-kors. Illi ta' min jghid illi ghalkemm fl-istqarrija, l-imputat ma nghatax id-dritt tal-assistenza legali, huwa rega' kkonferma l-fatti kontenuti fl-istqarrija bil-gurament quddiem din il-Qorti u ghalhekk ma tarax illi hemm xi kwistjonijiet dwar il-validita' o meno ta' din l-istqarrija.

Illi pero' ghalkemm ma gietx ippruvat mill-prosekuzzjoni illi l-imputat qatt ma hallas lil xi hadd sabiex tinhariglu l-licenzja marittima, xorta jibqa' l-fatt illi z-zewg dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni u cioe' dawk a fol 46 u 47 tal-process, huma "self explanatory" fis-sens illi d-dokument a fol 46 li hi l-applikazzjoni ghall-licenzja hemm fiha illi ghandha tingab certifikat illi l-imputat attenda kors minn skola nawtika u fid-dokument l-iehor juri *prima facie* u jiccertifika dan il-fatt. Illi huwa wkoll car illi dawn iz-zewg dokumenti gew

iffirmati mill-imputat u fl-ebda stadju tal-proceduri ma gew ikkontestati mid-difiza. Fil-fatt l-imputat ammetta fix-xhieda tieghu illi l-firem huma kollha tieghu.

Illi di piu' rrizulta mill-provi illi dawn iz-zewg dokumenti mhumiex korretti u dan ghaliex gie ppruvat illi l-imputat ma attendiex il-kors nawtiku u anke' minn serje ta' dokumenti ipprezentati minn rapprezentanta tal-MCAST Doreen Bartolo li turi l-lista ta' persuni li attendew u ghaddew il-kors meta suppost kien hemm l-imputat (fol 71 *et seq*).

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 121A, 184, 185, 186, 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 76 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **Pierre Falzon** hati biss tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi stante li gew ippruvati u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax (18) il-xahar u tilliberah mill-ewwel (1) akkuz stante li ma gietx ippruvata.

Il-Qorti qeghda wkoll tissospendi l-hrug ta' xi licenzja nawtika b'isem l-imputat u dan ghal zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------